# STEJJER MILL-KOTBA MQADDSA

## SANSUN



Ftit qabel ma twieled Sansun, anglu tal-Mulej deher lil ommu u qallha: " It-tifel tieghek ser ikun il-hellies ta' Izrael minn idejn il-Filistej. Imma jehtieg li ibnek qatt ma jmiss imbid jew xorb iehor qawwi ma' xuftejh sal-jum li fih imut. Xaghru qatt ma ghandu jaghtu u jhallih jitwal ghaliex huwa ikun Nazri.

Dan il-bniedem kellu jkun wiehed moghti ghal Alla, u kien minhabba f'hekk li kellu jissejjah Nazri. Meta twieled semmghuh Sansun. Hu kien bniedem ta' sahha kbira u kemm - il darba heles lill-poplu tieghu mill-ghadu tieghu, il-Filistej.

Imma Sansun ma kienx bniedem bil-ghaqal bizzejjed. Meta sar zaghzugh huwa zzewweg lil wahda mara mill-gens tal-Filistej, poplu pagan. Din il-haga ma ghogbot xejn lil missieru u lil

ommu ghax kienet xewqa taghhom li hu jiehu bhala martu lil wahda mill-poplu tieghu u mhux mill-ghadu tal-gens lhudi.

Jum wiehed hekk kif kien sejjer biex izur lil gharusa tieghu, hareg ghalih iljun bil-guh u habat ghalih, izda Sansun hataf lil din il-binha u carratha f'bicciet u kompla ghal triqtu. Huwa ma qal lil hadd b'xejn fuq dan li ghadda minghalih. Xi zmien wara huwa mar fil-belt fejn kienet toqghod l-gharusa tieghu biex jizzewwigha u fi triqtu waqaf jara l-iljun mejjet li hu kien qatel bla ma kellu xejn f'idejh u fuqu jara ferh ta' nahal jdur madwaru u ghasel. Huwa kiel minn dan l-ghasel bla ma qal lil hadd.



Fil-festa tat-tieg li damet sejra gimgha shiha, kien hemm hafna zaghzagh Filistej u kien qed jiddevertu billi jisfidaw wiehed lil iehor ghat-twegiba tal-loghba haga mohgaga. Sansun indahal fin-nofs u sfidhom ghal twegiba fuq il-loghoba tieghu. Jekk isolvuha matul il-jiem tal-festa tat-tieg jaghtihom 30 libsa jekk ma jirnexxilhomx jaghtuh huma tletin libsa.

"Halli nisimghuha" qalulu.

U qalilhom: "΄L-ikel hareg mill-wikkiel, u mill-qawwi harget il-hlewwa."

Zgur li din il-haga mohgaga ma kienux jafu s-soluzzjoni taghha minkejja li ppruvaw fuq li ppruvaw. Fl-ahhar resqu fuq mart Sansun u heddewha li jekk ma tiskoprix is-soluzzjoni

minghand zewgha u tghidilhom huma kienu ser jaghtu n-nar lid-darha u l-familja kollha taghha. Kemm kbiet u talbet lil zewgha biex jghidilha s-soluzzjoni. Fl-ahhar qaltlu, " Jekk inti thobbni ma tahbi ebda sigriet minni."

Fl-ahhar wara hafna, Sansun qalilha t-twegiba. Irrakontalha l-avventura tieghu ma' l-iljun u l-ghasel li sab fuq il-gisem mejjet tieghu. Dlonk marret tghid kollox lin-niesha u fl-ahhar jum tal-festa tawh it-twegiba. "X'hemm izjed helu mill-ghasel; U x'hemm aktar qawwi minn iljun?"

Sansun induna li kienu huma li sfurzaw lil martu li l-ewwel  tohodlu s-sigriet imbaghad tisvelah lilhom. B'qilla kbira hareg barra u l-ewwel tletin ragel li sab hadilhom ilbieshom u tahom lill-mistednin tal-festa. Huwa halla lil martu u mar fid-dar ta' missieru. Meta ghaddietlu l-qilla, huwa rega' mar ghand martu izda sab li din kien izzewget li haddiehor.

Aktar kibret il-qilla tieghu kontra l-Filistej li rahom bhala nies li dahqu bih. Hareg barra 'l belt qabad hafna lpup u ma dembhom rabtilhom bicca injama u taha n-nar. Imbaghad halla lil dawn l-ilpup jigru bit-torca marbuta ma dembhom qalb l-ghelieqi tal-Filistej. Kull frotta fl-gheliqi inharqet u l-Filistej garrbu hsara kbira.

Meta l-Filistej raw dan staqsew min kien il-htija ta' dan kollu. U n-nies wiegbu li kien haten Sansun ghaliex missier il-mara ta' lil mart Sansun lil haddiehor. Huma imbaghad taw in-nar lid-dar ta' mart Sansun flimkien mal-familja taghha. Meta Sansun gharaf li martu kienet sfat vittma tal-Filistej huwa iggieled armata shiha ta' Filistej u qatilhom bhala kastig talli harqulu lil martu.

Il-Filistej marru fuq in-nies ta' l-art ta' Guda u talbuhom lil Sansun marbut, u jekk jonqsu li jaghmlu dan huma kienu ser jahqruhom. Il-Lhud resqu fuq Sansun u qalul: " Ghaliex qed tahqar lil Filistej? Ma tafx li dawn qed jahkmuna u jahqruna ghal dak li qed taghmlilhom? Talbuna biex norbtuk u naghtuk f'idejhom."

Sansun accetta basta ma joqtlux huma. Wara li rabtuh tawh f'idejn il-Filistej. Kbir kien il-ferh taghhom ghaliex issa kellhom l-ghadu taghhom f'idejhom. Imma dan il-ferh ma tantx damu igawduh. Huwa qaccat l-irbit tal-hbula bhallikieku kien marbut bi spag, sab xedaq ta' hmar u beda jfajjar 'l hawn u 'l hemm u lil min kien jolqot kien joqtlu. Dak in-nhar Sansun qatel madwar elf ruh.

Wara dan Sansun mar f'belt jisimha Gaza, belt ohra tal-Filistej. Dawn meta sar jafu li Sansun kien qieghed hemm, ghalqu l-bibien bit- tama li jaqbduh f'nassa. Izda hu mal-lejl

qam, qala' il-bibien minn posthom, refaghhom fuq spallejh u baqa' sejjer bihom fuq l-gholja. Hemm halliehom u telaq barra mill-belt.

Wara dan Sansun beda jhobb mara mill-Filistej jisimha Dalila. Il-kapijiet resqu fuqha u weghduha sommom kbar ta' flus jekk hija tirnexxilha tikxef minn fejn kienet gejja s-sahha ta' Sansun. Talbitu jghidilha izda hu dejjem dahaq biha. Fl-ahhar biex ddejqux izjed qalila li s-sahha tieghu kienet gejja mill-weghad Nazarita li hu kien marbut biha, jigifieri li sahhtu tispicca jekk jixrob l-imbid u jaqta' xaghru.

Waqt li kien rieqed hija qatitlu xaghra b'xafra u jaghtet lil Filistej. Minufih dawn habtu ghalih, rabtuh bil-ktajjen u ghamewh biex qatt aktar ma jaghmlilhom hsara. Tefghuh gewwa il-habs u hemm kien idawwar il-mithna.

Sa dan it-tant ghadda z-zmien u xaghar Sansun regghet bdiet tikber. Kien qed jiehu sahhtu mill-gdid ftit ftit.

Jum wiehed il-Filistej ghamlu festa lil alla Dagon u kemm it-tempju kif ukoll il-bjut tieghu kien mahnuqa bin-nies. Gabu lil Sansun biex jiddiehqu bih u jiddivertihom.

Sansun qal lit-tifel li kien qed jiggwidah biex jiehdu fejn il-kolonni principali. Hemm huwa fetah idejh u haddanhom it-tnejn. Talab lil Alla, u gidbed il-kolonni. Il-bjut waqghu u t-tempju tfarrak. Dak in-nhar miet hafna Filistej. Il-Filistej qabadhom biza' kbir ghal dak li gara u kellu jghaddi hafna u hafna zmien sakemm regghu bdew jahkmuhom.

## MISTOQSIJIET:

1. X'kien obbligat li jaghmel Sansun meta jikber?
2. Ghal xiex kien maghruf Sansun fost hutu l-Lhud?
3. Ma' liema aventura iltaqa' Sansun waqt vjagg tieghu?
4. X'ghamel Sansun meta ra li l-Filistej kienu gejjin ghalih F'Gaza?
5. Kif temm hajtu Sansun?